MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru. 674/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor V. Micallef)**

**vs**

**PAUL VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Vassallo ta' 41 sena, iben Anthony u Matilde nee' Schembri, imwieled nhar il-21 ta' Dicembru 1966, Pieta', u residenti 31A, Del Sol, Triq il-Hamel, Swieqi, ID 19967M.

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Lulju 2008, ghal habta ta 04:00p.m. gewwa l-komun ta' 31, Triq il-Hamel Swieqi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja fil-

periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Marie Theresa Cauchi.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi insulenta bi kliem lil Marie Theresa Cauchi

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen illi jikonsisti f’dagha.

U aktar talli fl-istess data ghal habta ta’ 12:00p.m. hedded bi kliem liL Marie Theresa Cauchi

Il-Qorti giet mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Marie Theresa Cauchi jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ flus li tigi iffisata mill-Qorti.
Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit bhala Dok. TVM3 u nnutat li l-imputat Paul Vassallo m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, bla pregudizzju, iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Marie Theresa Cauchi.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Marie Theresa Cauchi iddikjarat li qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ispettur Daryl Borg ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira l-ewwel u t-tielet akkuzi migjuba kontra l-imputat.

Fid-dawl tas-suespost nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Vassallo u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Vassallo: Irtirati mill-Prosekuzzjoni u nkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Vassallo u r-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Vassallo: Procediment esawrit stante Rinunzja mill-parte civile Marie Theresa Cauchi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------